**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGH 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

Avviz Numru 383/02AJD
Martin Aquilina ezercenti l-kummerc taht l-isem Handkrafts

vs

Christopher Friggieri

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Frar 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mja u sbatax il-lira Maltin u sittax il-centezmu,(Lm717.16) dovuta in parti bhala rifuzjoni ta' paga u *allowance* ghal xoghol li spicca ma hadmux, u in parti bhala *leave* li l-konvenut ha *extra*, kif ukoll ta' gimghatejn *notice* li l-koonvenut naqas li jaghti lill-attur fit-tmiem l-impjieg tieghu.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-tal-ittri datati 13 ta' Mejju 1999, 19 ta' Mejju 1999, 7 ta' Mejju 2001, 15 ta' Mejju 2001 u tal-ittra ufficjali

datata 6 ta' April 2001 u bl-imghaxijiet mid-data ta' tmiem tal-impjieg kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi preliminirjament dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' din it-talba.
2. Illi wkoll in linea preliminari, l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-ammont mhux dovut fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra s-sentenza preliminari tad-29 ta' April 2002 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Sema' x-xhieda tal-attur. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-1 ta' Lulju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-llum.

Ikkunsidra:

Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut ecepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta izda ma ndkax taht liema Artikolu tal-Kap. 16 huwa kien qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni.

Huwa principju stabbilit tal-gurisprudenza taghna li meta konvenut jeccpixxi l-preskrizzjoni huwa ghandu jindika l-Artikolu tal-ligi in kwantu jirrigwarda l-preskrizzjomi minnu sollevata. Illi fil-kaz odjern il-konvenut ma ndikax l-Artikolu ,la fir-Risposta tieghu u l-anqas tul l-andament tal-kawza, u ghal din ir-raguni it-tieni eccezzjoni tieghu qed tigi michuda.

Illi l-attur fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Mejju 2002 u tal-5 ta' Gunju 2002 spjega li fil-mument li l-konvenut ittermina l-impjieg tieghu mal-istess attur kien ghadu dovut l-ammont li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna, huwa spjega fid-dettal ghall-liema ragunijiet kien dovut dan l-ammont u esibixxa d-dokumenti relattivi (a fol. 16 sa 19 u a fol. 24 sa 34).

Illi fil-mertu l-konvenut eccepixxa li l-ammont mitlub mill-attur m'huwiex dovut fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza izda fil-fatt huwa naqas milli jressaq provi jew jaghmel sottomissjonijiet sabiex jissostanzja din l-eccezzjoni.

Illi t-talbiet attrici jirrizultaw soddisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mja u sbatax il-lira Maltin u sittax il-centezmu,(Lm717.16) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ April 2001, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**